# Ir-Rewwixta tal-Milizzja taż-Żurrieq għall-Kaptan tagħhom.

(*Jissokta mal-paġ. 22*)

De Melos beża', ħareġ pistola u beda jdur 'l hemm u 'l hawn biha għal fuq in-nies, waqt li beda jgħidilhom: biżżejjed uliedi, ftakru li jiena l-Kaptan tagħkom! Ieqfu wliedi tridu teħduha mal-Kaptan tagħkom? B'dana kollu, in-nies intilfet u riedet tagħmel għalih. Iżda qabżu fil-waqt l-Alfier (dak li jżomm il-Bandiera tal-Kumpanija) Bartilmew Tonna; is-Surġent Mikiel Buttigieg; il-Kuntistabbli (1) taż-Żurrieq, Blasku Vella; il-Kuntistabbli tal-Qrendi, Ċikku Borg; u s-Sotto Surġent Natal Buhagiar, ukoll mill-Qrendi. Dawn, bl-alabardi f'idejhom, flimkien ma' xi oħrajn, dawru fis lil De Melos u bdew iżommu n-nies lura, waqt li bdew igħajtu biex ma jmissux lill-Kaptan. Fl-aħħar irnexxielhom joforqulu trieq minn bejn in-nies li kien imdawwar bihom. B'hekk il-Kaptan seta' jwarrab minn hemm. Dan, malli ra t-trieq miftuħa, telaq jiġri; iżda s-suldati bdew jiġru warajh u jwaddbulu l-ġebel. B'dana kollu, il-Kaptan irnexxielu jilħaq il-Knisja ta' Santa Marija tax-Xagħra, u qagħad jistkenn fejnha. U billi dari kellna l-*Immunità* tal-Knejjes, in-nies ma ttarrfux jidħlu għalih, għax beżgħu li jaqgħu fl-iskomunika.

Fil-Knisja li semmejna kien hemm ukoll jistkennu żewġ ħallelin. Is-suldati, bil-ġebel f'idejhom, bdew igħidulhom biex jaqbduh u jitfgħuh il barra mill-inħawi tal-Knisja. Iżda dawn ma ridux jindaħlu f'din il-biċċa. Għalhekk warrbu minn ħdejn il-Kaptan u qagħdu fiċ-Ċimiterju.

Fost ix-xewwiexa kien hemm wieħed jismu Ġanpawl Mizzi. Dan ried jagħmel in-nar għal fuq il-Kaptan minn ħdejn iċ-

---

(1) Il-Kuntistabblijiet ta' dari ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' tal-lum. Dawk kienu Deputati tal-poplu. Kull raħal kbir kien jaħtar tliet Kuntistabblijiet. L-irħula żgħar l-oħra min tnejn u min wieħed. Għalhekk waqt li l-Kuntistabbli tal-lum huwa meqjus bħala lanqas wieħed fil-Korp tal-Pulizija, ta' dari kienu miżmuma bħala Kapijiet tar-rħula. Dawn, barra milli kienu jieħdu sehem fil-Kunsill Popolari, billi jidhru għar-rħula tagħhom, kellhom ħafna dmirijiet oħra wkoll, fosthom xi wħud li għandhom x'jaqsmu mal-Milizzja.

Ċimiterju,billi Farrugia li kien ġie msawwat kien jiġi z-ziju tiegħu. Iżda xi wħud żammewh u ma ħallewhx jagħmel dan.

Fejn il-Kaptan mar wieħed biex ikellmu, u De Melos bagħat ma' dan għall-Alfier biex, jekk jista' jkun, imur ħdejh għax iridu. Iżda meta dan mar fejn l-Alfier igħidlu li l-Kaptan irid ikellmu, l-Alfier ma wieġbu xejn. Fil-waqt kien hemm il-Kapural Battistin Tonna, li jiġi t-tifel ta' l-Alfier, u wieġbu hu. Dan qallu li missieru ma għandux iħalli l-Bandiera u jitlaq biex jara xi jrid il-Kaptan. Terġa' l-Alfier ma għandux x'jaqsam mal-Kaptan, iżda man-nies taż-Żurrieq. U fil-ħin li qal hekk, Battistin tafa' idu fuq is-sejf li kellu fi ħżiemu.

Meta n-nies raw li ma setgħux jitħallsu mill-Kaptan, riedu jmorru kollha lejn il-Belt biex jidħlu quddiem il-Gran Mastru u jitolbuh jagħmel ħaqq minn De Melos hu. Għalhekk bdew igħajtu: imxu nmorru għand il-Gran Mastru Imbagħad daru għal fuq il-Kapijiet tagħhom (l-Alfier, is-Surġent u l-Kuntistabblijiet) biex imorru magħhom lejn il-Belt, bil-Bandiera tal-Kumpanija taż-Żurrieq, u hedduhom li, jekk ma jagħmlux dan, jeħlu magħhom huma.

Is-suldati nġabru madwar il-Bandiera tagħhom u mxew lejn il-Knisja fejn kien hemm jistkenn il-Kaptan De Melos. Is-Surġent staqsieh x'jagħmlu. Il-Kaptan wieġbu: ibżgħu għall-Bandiera, u l-bqija morru fejn tridu.

In-nies tqassmet b'40 Arkibużier quddiem, għamlu l-Bandiera f'nofs il-Kumpanija, u telqu hekk min-*Nigret* għall-Belt, bit-tamburlin idoqq.

X'ħin il-Kaptan ra li n-nies twarrbet, ħareġ mill-Knisja u mar lejn daru. Miegħu marru wkoll wieħed qassis, jismu Dun Salv, il-Kuntistabbli ta' Ħal Bubaqra, jismu Marju Camilleri, u xi tnejn min-nies oħra.

Meta s-Suldati tal-Kumpanija taż-Żurrieq waslu fejn is-Salib ta' Sarrija, waqfu, u bagħtu wieħed il-Belt biex jitkellem mas-Siniskalk. Iżda meta raw li ddawwar ma mar lura bit-tweġiba, ftiehmu li jħallu mgħassa l-Bandiera u l-bqija jidħlu lejn il-Belt. Hekk għamlu. Fejn Sarrija baqgħu daqs 100 ruħ, bħala għassa mal-Bandiera, u daqs 200 oħra telqu lejn il-Belt bla xkubetti, billi dawn ħallewhom ukoll fejn il-Knisja li semmejna.

Quddiem imxew it-tliet Kuntistabblijiet taż-Żurrieq, il-wieħed tal-Qrendi u s-Surġent bl-alabarda. Daħlu hekk flimkien lejn il-Belt, biex juru li kollha kemm huma kellhom xi jgergru mill-moħqrija tal-Kaptan tagħhom.

Il-Gran Mastru sama' bli ġara fiż-Żurrieq. Bagħat malajr għal wieħed Kavalier jismu Fra Ġwann de Silva. Malli dan deher il-palazz, il-Gran Mastru għarrfu li n-nies tal-Parroċċa taż-Żurrieq qamu għall-Kaptan tagħhom. Għalhekk talbu biex imur jiltaqa' magħhom u jgħidilhom li jmorru lura lejn djarhom.

De Silva telaq għall-Furjana, u fejn il-fossijiet tal-fortifikazjonijiet il-ġodda li kienu jsiru, iltaqa' man-nies taż-Żurrieq, deħlin lejn il-Belt. Dan waqqafhom u beda jkellimhom bil-ħlewwa. Qalilhom biex ma jgħaddux 'il quddiem, iżda jerġgħu lura, ghax jekk il-Kaptan tagħhom ħaqarhom, il-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu jagħmlu ħaqq minnu huma.

Is-suldati wieġbu li jridu jmorru għand il-Gran Mastru u jiftħu qalbhom miegħu dwar il-moħqrija tal-Kaptan.

De Silva reġa' qalilhom biex ma jidħlux il-Belt flimkien, hekk imxewxa, għax inkella jiġu ikkastigati bl-aħrax. Hawn weġbuh li bagħtu lil xi ħadd għand il-Gran Mastru biex igħarrfuh b'kollox, u dan ma ġiex lura bit-tweġiba. Għalhekk riedu jidħlu huma.

De Silva reġa' tennielhom, għal bosta drabi, biex ma jidħlux, għax ikun ta' deni u ħsara għalihom.

In-nies ma reditx tisma', u telqu lejn il-Belt. Il-Kavalier De Silva mexa quddiem, u baqa' jagħmel kemm jista' biex jara jbiddlilhomx il-ħsieb ta' rashom, bla ma rnexxielu.

Waqt li n-nies taż-Żurrieq kienu għaddejjin minn Strada Rjali, iltaqgħu mal-Gran Viskont (il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dari). Dan kien għall-ħabta ta' nofs-in-nhar. Il-Gran Viskont beda jfehimhom biex imorru lura, billi kif kienu deħlin, b'dik l-għagħa kollha, sa jiġu ikkastigati, għax qed jiksru l-Liġijiet u l-Prammatiċi tal-Gran Mastri.

Għall-kliem tal-Gran Viskont ħabtu sa jduru u joqogħdu. Iżda fil-waqt qabeż Indri Falzon u qal: Aħfrilna, sur Gran Viskont, iżda ħallina mmorru għand il-Gran Mastru u nitkellmu miegħu; De Melos mhux l-ewwel darba li għamlilna hekk, iżda drabi oħra wkoll ma mexiex tajjeb magħna.

Il-Gran Viskont reġa' qalilhom mill-ġdid biex imorru lura lejn djarhom. Iżda Falzon ried li jibqgħu sejrin lejn il-Palazz. U hekk għamlu. Meta waslu fejn il-Palazz, fil-bieb sabu xi Kavalieri u l-Gran Viskont. Dawn laqgħuhom u ma ħallewhomx igħaddu 'l quddiem. In-nies bdiet tross għal fuqhom

u riedu jidħlu kollha, l-aktar fosthom Indri Falzon. L-oħrajn bdew iżommuhom lura kemm jistgħu. Iżda meta raw innies b'dik is-saħna fuqhom u jridu jidħlu, il-Gran Viskont ħalla jgħaddu żewġ Kuntistabblijiet, is-Surġent u ieħor magħhom li nżertaw quddiem. Dawn, tista' tgħid, daħlu 'l ġewwa aktarx mitfugħin min-nies ta' warajhom.

Il-Gran Viskont tela' għand il-Gran Mastru u qallu li ma seta' jagħmel xejn man-nies li ma jħallihomx jidħlu. Fejn il-Gran Mastru kien hemm ukoll is-Siniskalk. Dan qam malajr minn fuq il-mejda fejn kien, u niżel isfel ikellem in-nies hu quddiem il-bieb. Iżda, billi la l-Kuntistabblijiet u l-anqas is-Surġent ma kienu jafu bit-taljan, ġie msejjaħ wieħed li kien jaf b'dan l-ilsien, jismu Wiġi Magro, biex jitkellem hu għal kulħadd. Is-Siniskalk qalilhom li jistgħu jitilqu u jmorru lura lejn djarhom, għaliex il-Gran Mastru ħaseb fihom u bidlilhom il-Kaptan tagħhom. Imbagħad dar fuq il-Kavalier De Silva, u qallu biex imur iż-Żurrieq u jagħmilha ta' Kaptan hu.

Xħin is-suldati semgħu dan qagħdu, urew ruħhom li ferħu u telqu flimkien il barra mill-Belt. Iżda meta waslu fejn is-Salib ta' Sarrija, waqfu u qagħdu jistennew lill-Kaptan il-ġdid tagħhom.

Meta De Silva wasal fejnhom, huma laqgħuh b'għajjat ta' ferħ u sellmulu bit-tfaqqigħ ta' l-ixkubetti. Wara baqgħu sejrin miegħu sal-Marsa. Hemm, De Silva qalilhom li sa jirkeb iż-żiemel, u għalhekk kulħadd jista' jaqbad triqtu bilwesgħa tiegħu kollha.

Malli s-suldati waslu ż-Żurrieq, il-Kaptan De Silva qalilhom biex jieħdu l-Bandiera fid-dar ta' l-Alfier u kulħadd jitlaq għal riħu. In-nies hekk għamlet, u wara nfirdu u kulħadd telaq lejn daru.

Għalkemm dir-rewwixta li saret mill-Kumpanija tal-Milizzija tal-Parroċċa taż-Żurrieq spiċċat b'wiċċ il-ġid, billi ma nxteridx demm, iżda dawk li l-aktar xewxu għaliha, ma ħelsuhiex ħafif.

Fit-tagħrif ta' dawk li nġabru biex taw ix-xhieda tagħhom dwar din ir-rewwixta, issemmew ħafna nies li ħadu sehem fiha. B'dana kollu, quddiem il-Qorti tressqu dawk biss li kellhom l-aktar sehem kbir fit-tixwix. Dawn kienu Wiġi Magro, Indri Falzon, Ġuże Guzman u Marju Xicluna, miż-Żurrieq; Ġanpawl Mizzi, Duminku Barbara u Mikiel Camilleri, mill-Qrendi; u Klement Għaxaq u Pietru Bartolo, minn Ħal-Lew.

Mill-Qorti dawn ġew mixlija li kienu huma l-bidu tat-tixwixa u li ħabirku u ħmew biex in-nies tqum u tħebb għall-Kaptan tagħhom. Barra minn dan kienu huma wkoll li ġagħlu l-fizzjali tagħhom jidħlu l-Belt. Għalhekk, b'għamilhom, ġew kisru l-Bandi u l-Prammatiċi (l-Liġijiet) ta' Malta. U terġa', għalkemm ġew imwissija u mwiddba biex ma jissuktawx imorru lejn il-Belt, dawn webbsu rashom u baqgħu deħlin.

Il-mixlija ċaħdu kollox. Dawn qalu li fir-rewwixta ma kienx hemm kapijiet, iżda kulħadd qam għall-Kaptan De Melos bħal bniedem wieħed. Terġa', mhux biss ma kenux huma li ġagħlu l-fizzjali tagħhom biex jidħlu l-Belt, iżda kien l-Alfier in-nifsu li qabbad lil tat-tanbur biex idoqq u jbandi ħalli kulħadd jibqa' mal-Bandiera u ma jitlaqhiex.

Wara li l-Imħallef tal-Kriminal ġabar it-tagħrif kollu li l-Qorti kienet tinħtieġ, l-Avukat Fiskal, Pawlu Anastasio, bagħat talba lill-Gran Mastru. Fiha qal li l-ħaqq mill-mixlijin għandu jsir fl-iqsar żmien, kif id-drawwa tal-militar. Għalhekk talbu biex jaħtar l-Imħallef taċ-Ċivil ħalli, flimkien ma' l-ieħor tal-Kriminal, jagħmlu dax-xogħol huma.

Iżda l-Gran Mastru, ma' l-Imħallef tal-Kriminal, Ġanni Colorito, u ma' taċ-Ċivil, Askanju Surdo, ħatar żewġ Imħallfin oħra: Ġakbu Muscat u Salvu Teuma.

Dawn l-erba' Mħallfin, wara li għarblu x'qalu x-xiehda fil-proċess li sar, qatgħu li Wiġi Magro, Indri Falzon u Ġanpawl Mizzi huma ħatja. Għalhekk ġew imwaħħla għal 10 snin fuq ix-xwieni, jaqdfu bil-katina f'sieqhom u bla ħlas. L-oħrajn, billi ma sabulhomx ħtija biżżejjed, ġew mibgħuta 'l barra ħielsa minn kollox.

Bħalma rajna, ir-rewwixta li saret mill-Milizzja tal-Parroċċa taż-Żurrieq spiċċat bil-weħla l-ħabs ta' tlieta li ħadu sehem fiha u bil-ħlusija ta' l-oħrajn. B'dana kollu, din setgħet tkun ħtija ta' ħsara akbar, għax in-nies tar-rħula lill-Kavalieri ma kenux iħalluhielhom ħelwa għall-melħa. Fuq hekk, il-Gran Mastru malajr ħa ħsieb biex jilqa' għal din il-biċċa, billi biddlilhom fis il-Kaptan tagħhom. Li ma sarx hekk, is-suldati kienu jibqgħu bl-ingirr ingirr ma' De Melos, u min jaf kif dan fl-aħħar kien jibqa' biex joħroġ għażlu. Aktarx li kien jiġrilu bħalma ġara lill-wieħed Kaptan ieħor tal-Parroċċa taż-Żurrieq, Fra Pietru de Poudre, Kavalier tal-Lingwa ta' Provenza. Lil dan sabuh mejjet ħdejn San Anard, fl-24 ta' Settembru 1560, bla ħadd ma jaf min kien dak li qatlu.

**Ġużè Ġatt.**